MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Numru 395/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Paul Caruana)**

**vs**

**Jason Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jason saliba ta’ 34 sena iben John u Connie xebba Falzon imwieled Pieta` fit-22 ta’ Gunju 1971 u joqghod Nru. 48 ‘Azalea’ Triq is-Sedqa, Attard u detentur tal-Karta ta’ l-Identita` bin-numru 267471M gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-08 ta’ Frar 2005, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti

maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha electronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta`, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indincenti bhal dawn.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RP3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta' llum l-imputat Jason Saliba ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Jason Saliba bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 208A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jason Saliba, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta' l-imputat u li fil-Verbal

tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200) multa.

Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggett (compact disc li jikkontjeni l-materjal pornografiku) esebit bhala Dok PC 5.

Ghal fini tal-imsemmi ordni ta’ distruzzjoni l-Qorti tordna li tali distruzzjoni issir a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u wara tali distruzzjoni r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jippresenta rapport dwar id-distruzzjoni tal-imsemmi oggett (Dok PC5), liema rapport ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza. Tordna li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jkun notifikat b’kopja ta’ din is-Sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------